31999D0526

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-14 ta' Lulju 1999

li tistipula kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Panama

(notifikata skond dokument numru C(1999) 2058)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/526/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistipula kondizzjonijiet ta' saħħa għal prodotti u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd [1], kif l-aħħar emendat bid-Direttiva tal-Kunsill 97/79/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tagħha,

(1) Billi tim ta' esperti mill-Kummissjoni għamlu żjara ta' spezzjoni fil-Panama biex jivverifikaw il-kondizzjonijiet li bihom prodotti ta' ħut huma prodotti, maħżuna u kkunsinjati lill-Komunità;

(2) Billi d-disposizzjonijiet tal-leġislazzjoni tal-Panama dwar l-ispezzjoni ta' saħħa u tħaris ta' prodotti ta' ħut jistgħu jkunu kkunsidrati ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 91/493/KEE;

(3) Billi, fil-Panama id-Departemento de Protección de Alimentos (DPA) del Ministerio de Salud huwa kapaċi jivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ;

(4) Billi l-proċedura sabiex jinkiseb ċertifikat tas-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 11(4)(a) tad-Direttiva 91/493/KEE għandu jagħti wkoll id-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, ir-rekwiżiti minimi li jirrigwardaw lingwa/i li bihom għandu jkun abbozzat u l-grad tal-persuna li għandha d-dritt tiffirmah;

(5) Billi, skond l-artikolu 11(4)(b) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandu jkun hemm marka fuq pakketti ta' prodotti ta' sajd li jagħti l-isem tal-pajjiż terz u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen kiesaħ jew bastiment friża ta' oriġini;

(6) Billi, skond l-artikolu 11(4)(c) tad-Direttiva 91/493/KEE, għandha ssir lista ta' stabbilimenti approvati/reġistrati, bastimenti fabbrika, jew imħażen kiesħa; billi għandha ssir lista ta' bastimenti tal-friża reġistrati fis-sens tad-Direttiva 92/48/EEC [3]; billi dawn il-listi għandhom isiru fuq bażi ta' komunikazzjoni mid-DPA lill-Kummissjoni; billi għaldaqstant huwa l-obbligu tad-DPA li tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati għal dak il-għan fl-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 91/493/KEE;

(7) Billi d-DPA ipprovda assigurazzjonijiet uffiċjali dwar konformità mar-regoli stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE, u li jirrigwardaw twettieq tar-rekwiżiti ekwivalenti għal dawk stipulati f'dik id-Direttiva għall-approvazzjoni jew reġistrazzjoni ta' l-istabbilimenti, bastimenti fabbrika, mħażen kiesħa jew bastimenti friża ta' oriġini;

(8) Billi l-miżuri previsti f'din id-DEĊIŻJONI huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Departemento de Protección de Alimentos (DPA) tal-Ministerio de Salud għandu jkun l-awtorità kompetenti fil-Panama sabiex jivverifika u jiċċertifika konformità ta' prodotti ta' sajd u akwakultura mar-rekwiżiti tad-Direttiva 91/493/KEE.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 187, tas-7.7.1992, p. 41.

Artikolu 2

Prodotti tas-sajd u akwakultura li joriġinaw fil-Panama għandhom jissodisfaw il-kondizzjonijiet segwenti.

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali numerat, komplet kif xieraq, iffirmat, bid-data u li jkun jikkonsisti f'folja waħda skond il-mudell fl-Anness A.

2. Il-prodotti għandhom jiġu minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, mħażen kiesħa jew bastimenti friża rreġistrati elenkati fl-Anness B.

3. Salv fil-każ ta' prodotti ta' ħut iffriżati bil-qabda u intiżi għall-manifattura ta' ikel ippriservat, il-pakketti kollha għandhom iġibu l-kelma "Panama" u n-numru ta' approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen kiesaħ jew bastiment friża ta' oriġini b'ittri li ma jitħassrux.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif imsemmija fl-Artikolu 2(1) għandhom isiru mill-inqas b'lingwa uffiċjali waħda ta' l-Istati Membri fejn isiru l-ispezzjonijiet.

2. Ċertifikati għandhom iġibu l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tad-DPA u t-timbru uffiċjali ta' dan ta' l-aħħar b'kulur differenti minn dak ta' firem oħra.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-14 ta' Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS A

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għal prodotti ta' ħut u akwakultura li joriġinaw fil-Panama u intiżi għall-esportazzjoni lill-Komunità Ewropea, minbarra molluski bivalvi, ekinodermi, *tunicates* u *gastropods* marini fi kwalunkwe forma

Numru ta' referenza: .....

Pajjiż tal-kunsinna: Panama

Awtorita Kompetenti: 'Departamento de Protección de Alimentos (DPA) del Ministerio de Salud'

I. **Dettalji li jidentifikaw prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni ta' prodotti tas-sajd/akwakultura ([1]):

— speċi (isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament ([2]): .....

— Numru ta' kodiċi (fejn japplika): .....

— Tip ta' ippakkjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż net: .....

— Ħażna rekwiżita u temperatura ta' ħażna: .....

II. **Oriġini ta' Prodotti**

Isem jew ismijiet u numru(i) uffiċjali ta' stabbiliment(i), bastiment(i) fabbrika, maħżen jew maħżen kiesha approvati jew bastiment(i) friża reġistrati permezz tar-reġistrazzjoni mid-DPA għal esportazzjoni lill-Komunità Ewropea:

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni ta' prodotti**

Il-prodotti jintbgħatu minn: .....
(post ta' kunsinna)

lil: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tas-segwenti mezz ta' trasport: .....

Isem u indirizz ta' min jibgħat il-kunsinna: .....

.....

.....

Isem tal-persuna li tirċievi l-kunsinna u indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

([1]) Ħassar fejn jixraq.
([2]) Ħajjin, fil-*fridge*, iffriżati, immelħa, iffumigati, priservati, etc

IV. **Ċertifikat ta' saħħa**

— L-ispettur uffiċjali qiegħed hawnhekk jiċċertifika illi l-prodotti ta' ħut u akwakultura speċifikati hawn fuq:

(1) kienu maqbuda u ttrattati fuq bastimenti skond regoli ta' saħħa stipulati fid- Direttiva 92/48/KEE;

(2) tniżżlu, ġew trattati u fejn jixraq ipakkjati, ppreparati, pproċessati, ffriżati, mdewwba u maħżuna b'mod iġeniku f'konformità mar-rekwiżiti stipulati fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(3) ghaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(4) huma ippakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;

(5) ma jiġux minn speċi tossiċi jew speċi li fihom *biotoxins*;

(6) ghaddew b'mod sodisfaċenti minn spezzjonijiet organoleptiċi, parassitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċi stipulati ghal ċerti kategoriji ta' prodotti ta' ħut mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċizjonijiet ta' implimentazzjoni.

— L-uffiċjal hawn taht iffirmat qiegħed hawn jiddikjara li huwa jaf bid-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE,

Magħmul ....., fil- .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali (3)

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali (3)

.....
(isem, b'ittri kapitali, kariga u kwalifiċi tal-persuna li qed tiffirma)

(3) Il-kulur tat-timbru u l-firma ghandhom ikunu differenti minn dak tal-partikolarijiet fiċ-ċertifikat.

ANNESS B

I. **LISTA TA' STABBILIMENTI APPROVATI**

Nru	Isem	Indirizz
59 P	Caribbean Sea Food Export	San Francisco
66 P	Grupo Panalang Union	San Francisco
77 P	Vigomar SA	Aguadulce
60 P	Altrix de Panamá SA	Aguadulce
52 P	Agromarina	Aguadulce
73 P	Empacadora Alimenticas/Empak Food	Puerto Vacamont
65 P	Mariscos Islas de la Perlas	Puerto Vacamont
49 P	Productos Océanos SA	Ciudad de Panamá
81 P	Oceanic Export Corp./Oceanic Products	Pueblo Nuevo
75 P	Aquachame SA	Chame, El Líbano

II. **LISTA TA' BASTIMENTI FRIŻA REĠISTRATI**

Nru	Isem	Port
106 BC	M/V Amazonas	
101 BC	Txori Aundi	Panamá
105 BC	Juan María Soroa	Panamá
126 BC	Nave The Fisher	Panamá
129 BC	Nave The Fisher	Panamá
125 BC	Nave Nao	
109 BFRIG	M/V Montesol	
108 BFRIG	M/V Montelaura	
107 BFRIG	M/V Montecruz	
127 BFRIG	Platte Reefer	
130 BFRIG	Plaslin Reefer	

III. **LISTA TA' BASTIMENTI FABBRIKA APPROVATI**

Nru	Isem	Port
102 BF	Cheung Shing	